MALTA

# BORD DWAR L-ARBITRAGG TAL-ARTIJIET MALTA

## MAGISTRAT DR. APAP BOLOGNA JOSEPH A. B.A., LL.D.

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2002

Rikors Numru. 24/2000/1

**L-Agent Kummissarju ta' l-Art**

**vs**

**Joseph Fleri Soler, George Fleri Soler, Joanna Pace, Joseph Fleri Soler, Ian Fleri Soler, Moira Ciappara, Susan Lanzon, Nadine Cassar Desain, Stephanie Calleja, Albert Noel Portelli, Victor Grech f'ismu proprju u bhala prokuratur tal-assenti Doctor Anthony Grech, Rosemarie Gonzi, Alan Fleri Soler, Austin Grech.**

Il-Bord,

Ra r-rikors in esami li bih ir-rikorrenti wara li ppremetta :

1. Illi b'ittra ufficjali tal-21 ta' April 1998 l-intimati gew notifikati b'avviz tal-Ftehim fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-fond numru 23/24 triq it-Torri, Valletta u cioe tar-Recognition Rate ta' tnejn u

ghoxrin Lira Maltija u erbghin centezmu (Lm22.40c) fis-sena imposta fuq l-istess u li gie mehud mill-Gvern b'titolu ta' Dominju Pubbliku in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Anthony Attard li jgib id-data tal-1 ta' Gunju 1962 huwa ta' erba' mija u tmienja u erbghin Liri Maltin (Lm448) kif jidher mir-rapport tal-Perit Mario Cilia A & C.E. datat 24 ta' Marzu 1998 li estratt tieghu (Dok A) qed jigi notifikat lill-intimati ghal finijiet kollha tal-ligi.

2. Illi b'ittra ufficjali tal-11 ta' Mejju 1998 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jissottomettu li kumpens gust u xieraq fic-cirkostanzi ghandu jkun ta' sittax-il elf Liri Maltin (Lm16,000) in kwantu ghal fond numru 24, Triq Torri, Valletta u erbatax-il elf Liri Maltin (Lm14,000) in kwantu ghal fond numru 23, Triq it-Torri, Valletta.

3. Illi b'cedola ta' depozitu pprezentata fil-4 ta' Awissu 1998 depozitat il-kumpens offert ta' erba' mija u tmienja u erbghin Liri Maltin (Lm448) ghal postijiet fuq deskritta u dan a terminu tal-artikolu 22(4) tal-Kap 88.

4. Illi skond l-istess artikolu 22 tal-Kap. 88 dan id-depositu ma jimpedix lill-intimati milli jkomplu jikkontestaw quddiem il-Bord l-ammont offert lilhom liema ammont pero' ir-rikorrent jikkonferma li jqisu gust u skond il-ligi.

5. Talab bir-rispett li dan il-Bord li jiffissa il-kumpsens relattiv ghall-postijiet fuq imsemmija skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap. 88).

Ra r-risposta tal-intimati (a fol 21 tal-atti) li biha l-intimati esponenti esponew bir-rispett illi, kif di gja minnhom dikjarat b'ittra ufficjali tal-11 ta' Mejju 1998 l-esponenti jsostnu illi l-kumpens gust u xieraq ghandu jkun ta' sittax il-elf lira ta' Malta (Lm16,000) ghall-fond numru 24, Triq it-Torri, Valletta u ta' erbatax-il elf lira ta' Malta (Lm14,000) in kwantu ghall-fond numru 23, Triq it-Torri, Valletta u dana skond kif ivverifika l-Arkitett u Inginier Civili Renato Laferla. (Ara ukoll fol 52 tal-atti).

Ra l-atti kollha tal-kawza, b’mod specjali dak verbalizzat a fol 63 u fol 69.

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher mir-rikors promotur, qed jintalab sabiex jigi ffissat il-kumpens xieraq in konnessjoni max-xiri assolut tal-fond in kwistjoni bhala liberu u frank gja mehud mill-Gvern b’titolu ta’ Dominju Publiku permezz tal-att publiku specifikat fl-sitess rikors , liema fond hu soggett ghar-“recogniton rent” ta’ Lm22.40,0 fis-sena impost fuqu.

Ghal dan il-ghan, gie offert  il-kumpens ta’ Lm448, kif risultanti mir-rapport tal-Perit Mario Cilia (ara fol 25 tal-atti kif ukoll ix-xhieda tal-istess Perit a fol 59 tal-istess atti). Dan l-ammont ma giex accettat mill-intimati, li da parti taghhom issottomettew li l-kumpens xieraq ghandu jammonta komplessivament ghal Lm30,000 (ara fol 65, 66, 67, 71, 72, 73 u 74 tal-istess atti).

Ikkunsidra

Illi l-ammont ta’ kumpens offrut mir-rikorrenti kien gie iffissat a basi ta’ dak li jinghad fl-artikolu 19 (8) (g) li jghid “ir-relazzjonijiet bejn ix-xerrej, gew xerrejja flimkien, ta’ art li qabel kienet mizmuma mill-bejjiegh, b’dominju publiku u l-bniedem bil-jedd jew il-bniedmin li flimkien jkollhom il-jedd li jdahhlu kera ta‘ gharfien fuq dik l-art jkun mreggijin bil-ligi fuq l-enfitewsi kif mfissra fil-Kodici Civili”.

In rigward dan il-Perit Mario Cilia xehed (fol 59 ibid) “L-istima ghamilha a bazi ta’ kapitalizzazzjoni tar-rent …….. iffissata mill-“Land Valuation Officer”.  Wara li jiena rajt x’kienet ir-renta tal-post in kwistjoni, jiena zidtha b’40 fil-mija u …… immultiplikajt kollox bil-5 fil-mija sabiex nikkapitalizzah” (ara x-xhieda ta’ Alfred Tonna in rappresentanza tal-“Land Valuation Officer” a fol 68 tal-atti kif ukoll l-artikolu 27 (13) tal-istess Kapitolu 88).

Ikkunsidra

Illi jidher, ghalhekk, li dak sottomess mill-intimati permezz ta' l-Perit Renato Laferla hu bla basi legali waqt li l-kriterji uzati mir-rikorrenti sabiex jigi iffissat il-kumpens xieraq skond il-ligi, huma korretti. Ghalhekk l-ammont offrut mir-rikorrenti ossija Lm448 hu dak xieraq dejjem a basi, biss tal-ligi "in materia".

Ghal dawn il-motivi, il-Bord jiffissa il-kumpens relattiv ghall-postijiet 23/24 Triq it-Torri, Valletta fl-ammont ta' Lm448.

Fic-cirkostanzi tal-kaz kull parti ghandha tbati l-ispejjes taghha.

Alan Calleja
Dep. Reg